Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 116/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Borg Bonaci**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Paul Borg Bonaci fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-31 ta' Mejju, 2001 u fiz-zmien li jigi qabel din id-data, naqas li jattendi fl-ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-ghan li jaghti dak it-taghrif hekk kif il-Kummissarju jista' jehtieg, meta gie mitlub biex jaghmel dan permezz ta' ittra impostata fit-18 ta' Mejju, 2001 u mwasslu u moghtija lilu fl-indirizz Dolcerija Caterina Borg Bonaci, Triq il-Knisja, Tarxien fil-25 ta' Mejju, 2001, u dan bi ksur tal-Artikolu

53(c) ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikolu 81 ta’ l-imsemmi Att (Att nru. XXIII/1998); l-ewwel qorti kienet mitluba tordna lill-imputat jikkonforma ruhhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema zmien ma kellux jeccedi tlett xhur, taht penali ta’ mhux anqas minn zewg liri u mhux aktar minn ghaxar liri ghal kull jum li n-nuqqas ikompli wara li jghaddi z-zmien moghti mill-qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Paul Borg Bonaci hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mija w tletin lira (Lm130); dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba wara li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Paul Borg Bonaci, minnu ppresentat fis-16 ta’ Gunju, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza in kwantu din sabitu hati u kkundannatu multa kif inghad;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li l-ittra msemmija fl-imputazzjoni qatt ma giet notifkata lilu, u li l-firma fuq il-“pink card” ma kienitx tieghu. F’dan is-sens xehedu kemm l-appellant kif ukoll martu (Catherine Borg Bonaci), li fissru wkoll li fiz-zmien meta suppost li l-ittra kienet giet imwassla lill-appellant, id-dolcerija in kwistjoni kienet maghluqa, u kemm l-appellant kif ukoll martu kienu jahdmu band’ohra matul il-gurnata. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha (minkejja li sabitu hati) l-impjegat tal-Maltapost li wassal l-ittra registrata ma giex prodott bhala xhud biex jixhed dwar il-kontestazzjoni ta’ l-imputat. Pero` din il-Qorti tara li hemm raguni aktar fondamentali ghala l-appellant, allura imputat, ma setax jinstab hati kif effettivament instab. L-ittra in kwistjoni, li kopja taghha tidher a fol. 8, <u>ma hix indirizzata lill-appellant</u>. L-ittra hi, in fatti, indirizzata fuq gewwa (cioe` fuq l-ittra stess) lil “Dolceria Caterina Borg Bonaci, Triq il-

Knisja, Tarxien". Ghalhekk meta fl-ittra jinghad *"You are kindly requested to call at this office within seven days etc…"* ma jistax jinghad li kien l-appellant li kien qed jigi mitlub jattendi fl-ufficcju tal-Kummissarju.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appella, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------